**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 2 ta' Mejju, 2002**

Citazzjoni Numru: **405/02TM**

Numru**: 13**

**Godwin u Juliette Gatt**

vs

**Simon Attard u martu Tanya Attard**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi ppremettew li fit-22 ta' Mejju, 2001, il-konvenuti kienu iffirmaw skrittura privata ma' l-atturi fis-somma, certa, likwida u dovuta ta' seba' t'elef hames mija u sbatax-il lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (LM7,517.61) rapprezentanti, kwantu ghas-somma ta' seba' t'elef mija tmienja u tmenin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (LM7,188.26) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti varji ta' '*groceries*' li l-konvenuti kienu ordnaw u xtraw minghand l-atturi in kwantu ghas-somma ta' tlitt mija disgha u

ghoxrin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (LM 329.35) rapprezentanti imghax akkumulat sa dak in-nhar;

Ippremettew illi skond l-iskrittura privata imsemmija, il-konvenuti kienu obbligati illi jhallsu s-somma ta' tlitt mija u ghoxrin Lira Maltin (LM320) fit-tletin (30) ta' kull xahar izda l-istess konvenuti waqqfu illi jkomplu jhallsu l-pagamenti mensili wara li effetwaw l-ahhar pagament ta' tlitt mija u ghoxrin Lira Maltin (LM320) fit-30 ta' Novembru, 2001;

Ippremettew illi ghalhekk u ai termini ta' l-istess skrittura privata, s-somma ta' hames t'elef tmien mija u disa' Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (LM5,809.61) huwa dovut mill-konvenuti lill-atturi;

Ippremettew illi l-atturi kemm il-darba talbu lill-konvenuti sabiex ikomplu jhallsu izda dawn baqghu inadempjenti;

Talbu ghalhekk li l-konvenuti ghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u in vista ta' l-affidavit ta' l-attur Godwin Gatt ("Dok B") m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri versu l-atturi fis-somma ta' hames t'elef tmien mija u disa' Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (LM5,809.61) dovuti ghar-ragunijiet suesposti;

2. Tikkundannhom jhallsu l-ammont hekk dovut;

Bl-ispejjez inkluzi tal-mandat ta' inibizzjoni numru 768/02 presentat kontestwalment u bl-imghaxijiet mill-1 ta' Dicembru, 2001 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw n-nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet lill-atturi;

Semghet l-Avukat ta' l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**IMHALLEF**

**D/REG**